

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba sa fejn id-deċiżjoni kkontestata u l-Annessi I u II tagħha ma fihomx motivazzjoni suffiċjenti skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”).
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba taħt l-Artikolu 41 (2)(a) tal-Karta sa fejn ir-rikorrenti ma nstemgħetx qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li għandha bħala suġġett miżura individwali li tisfavorixxiha.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn huwa prattikament impossibli li l-eżattezza materjali tad-deċiżjoni tiġi suġġetta għal sħarriġ ġudizzjarju effettiv.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2020 – KY vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża T-433/20)**

(2020/C 279/77)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: KY (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' 17 ta' Settembru 2019, ikkonfermata permezz tad-deċiżjoni espliċita tal-10 ta' Ottubru 2019, tat-talba għar-restituzzjoni tal-parti mhux akkreditata tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrenti qabel id-dħul tagħha fis-servizz u ttrasferita lill-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni Ewropea.
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssostni li, konformement mad-dmir ta' premura tagħha, istituzzjoni tal-Unjoni għandha l-obbligu li tinforma lill-uffiċjal mhux biss bir-regola tal-ammont mimimu tas-sussistenza u tal-impatt tagħha fuq il-kalkolu tal-pensjoni, iżda wkoll bil-possibbiltà li wieħed jipposponi t-trasferiment tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni sal-intitolament tad-drittijiet effettivi tiegħu għall-pensjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-arrikkiment indebitu. Ir-rikorrenti tqis li r-rifjut ta' restituzzjoni tal-parti tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali ttrasferiti lill-iskema tal-Unjoni, li tagħha ma jittiħidx kont waqt il-kalkolu tad-drittijiet għall-pensjoni, jista' jwassal għal approprjazzjoni inġustifikata u, għaldaqstant, għal arrikkiment indebitu favur l-Unjoni, kif ukoll ftaqir indebitu tal-uffiċjal ikkonċernat.